

Uffiċjal Xjentifiku għall-Epidemjoloġija tal-Mard Infettiv

Unità: Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika
Referenza: ECDC/FGIV/2020/PHF-SOIDE

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Iċ-Ċentru bħalissa qed ifittex li jimla diversi pożizzjonijiet vakanti ta' Uffiċjal Xjentifiku għall-Epidemjoloġija tal-Mard Infettiv fl-oqsma tas-**sorveljanza, tal-informazzjoni dwar l-epidemiji, tat-tħejjija u tar-rispons għall-emerġenzi.**

Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-Detentur tal-Impjieg se jitqiegħed fl-Unità tal-Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika u jirrapporta għand il-kap tal-grupp jew il-Kap tat-Taqsima rilevanti.

Hu/hi ser ikunu responsabbli, b'mod partikolari, għall-oqsma ta' ħidma li ġejjin:

- Jikkontribwixxu għall-attivitajiet ta' kuljum fi ħdan is-sorveljanza ġenerali jew l-informazzjoni dwar l-epidemiji jew it-tħejjija jew ir-reazzjoni għall-emerġenzi;
- Jikkontribwixxu għat-tmexxija, iż-żamma u l-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi, l-għodod, il-proċessi u l-outputs rilevanti;
- Jipproduċu rapporti tekniċi, artikli xjentifiċi evalwati bejn il-pari u preżentazzjonijiet orali;
- Jikkomunikaw u jikkollaboraw b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati interni u esterni, kif meħtieġ;
- Jakkwistaw servizzi esterni f'konformità mar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku, kif meħtieġ;
- Jappoġġaw il-bini tal-kapaċità, inkluż it-taħriġ, fl-Istati Membri, fil-pajjiżi tat-tkabbir tal-UE, fil-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat u fis-CDC Afrikan fil-qasam tax-xogħol tiegħu/tagħha, kif meħtieġ;
- Jikkontribwixxu għar-rispons tal-ECDC u r-rosters tax-xogħol ta' informazzjoni dwar l-epidemiji 24/7 kif ukoll għar-rispons ta' emerġenza tas-saħħa pubblika, kif meħtieġ;
- Kwalunkwe komputu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu/tagħha kif mitlub.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin attestati b'diploma u esperjenza professjonali xierqa ta' mill-anqas sena¹;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra uffiċjali tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietu/dmirijietha²;
- Ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin³;
- Tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament kapaċi li twettaq id-dmirijiet relatati ma' din il-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga, identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Lawrja universitarja fis-saħħa pubblika, l-epidemjoloġija jew qasam relatat;
- Mill-inqas 3 snin, wara l-għoti tad-diploma, ta' esperjenza professjonali miksuba f'pożizzjonijiet rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg, jiġifieri jew sorveljanza/informazzjoni dwar l-epidemji jew tħejjija/rispons għal emerġenza;
- Esperjenza ppruvata fl-analiżi tad-*data* epidemjoloġika tal-mard infettiv fil-livell reġjonali, nazzjonali u/jew internazzjonali;
- Esperjenza mixhuda fil-komunikazzjoni ta' informazzjoni xjentifika permezz ta' rapporti tekniċi, artikli evalwati bejn il-pari jew preżentazzjonijiet orali;
- Ħiliet avanzati f'software statistiku (preferibbilment R) jew ArcGIS;
- Livell eċċellenti tal-Ingliš, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħiliet eċċellenti ta' komunikazzjoni mitkellma u miktuba;
- Xprunat/a mill-kwalità u orjentat/a lejn is-servizz;

1 Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċerifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġin mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

2 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew l-Ingliš bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom ta' tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

3 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Fila li jaħdem/taħdem b'mod kollaborattiv u li jibni/tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Orjentat/a lejn il-ksib tar-riżultati;
- Il-kapaċità li jaħdem/taħdem taħt pressjoni u jiġġestixxi/tiġġestixxi r-responsabbiltajiet.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jhegġegħ l-applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabbiltajiet.

Ħatra u kundizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista qasira proposta mill-Kumitat tal-Għażla lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat tal-Għażla. Il-kandidati jistgħu jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnottaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixx ir-reklutaġġ. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' għażla miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi rekrutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-Artikolu 3a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-**Grupp ta' Funzjonijiet IV**.

L-applikanti għandhom jinnottaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova.

Għal aktar informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni u tista' tiġi estiża.

Proċedura ta' applikazzjoni

Biex tapplika jekk jogħġbok ibgħat applikazzjoni mimlija lil Recruitment@ecdc.europa.eu u fis-suġġett tal-email indika b'mod ċar ir-referenza tal-pożizzjoni vakanti u kunjomok.

Biex l-applikazzjoni tiegħek tkun valida, għandek timla t-taqsimiet meħtieġa kollha tal-formola ta' applikazzjoni, li għandha tiġi sottomessa fil-format Word jew

PDF u preferibbilment bl-Ingliż⁴. Applikazzjonijiet mhux mimlija għalkollox jitqiesu bħala invalidi.

Il-formola tal-applikazzjoni tal-ECDC tinsab fuq is-sit web tagħna hawnhekk:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet u aktar informazzjoni rigward l-istatus ta' din il-proċedura tal-għażla, kif ukoll informazzjoni importanti rigward il-proċess ta' reklutaġġ, hija mniżżla fuq is-sit web tagħna u tista' tinstab bl-użu tal-link ta' hawn fuq.

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

⁴ Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinal tiegħu bl-Ingliż. Peress li l-lingwa ta' ħidma ta' kuljum tal-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż, l-ECDC jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.